**56. L-Onor. Alex Borg u l-Onor. Mark Anthony Sammut jipproponu:**

Peress illi matul dan ix-xahar ta' Lulju sal-ġurnata li qed tiġi ppreżentata din il-mozzjoni, il-poplu malti u Għawdxi esperjenza qtugħ ripetut u għal diversi sigħat fil-provvista tal-elettriku;

Illi din is-sitwazzjoni ilha tirrepeti ruħha mis-sajf tas-sena 2023, meta dak iż-żmien ukoll kienet tressqet mozzjoni simili ta' dik odjerna;

Peress illi dan il-qtugħ fil-provvista wassal biex diversi familji u negozji ġarrbu danni konsiderevoli f'ikel u provvisti li kellhom jiġu mormija, u f'apparat u tagħmir elettroniku li ġarrab ħsarat;

Peress illi dan il-qtugħ fil-provvista fl-eqqel tas-sħana wassal għal problemi serji ta' saħħa għal diversi pazjenti u nies vulnerabbli, partikolarment anzjani;

Peress illi din is-sitwazzjoni kkawżat ansjetà kbira fost il-poplu, kriżi nazzjonali u sitwazzjoni ta' emerġenza;

Peress illi din il-kriżi setgħet għal kollox ġiet prevista u evitata, kemm għax is-sħana tas-sajf f'Malta hija prevedibbli u kemm għax in-nuqqasijiet fis-sistema ta' distribuzzjoni ilhom snin magħrufa;

Peress illi huwa ċar li n-nuqqas ta' investiment fl-infrastruttura tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku kien il-kaġun ewlieni ta' dan il-falliment fis-sistema tal-provvista tal-enerġija, liema investiment ma mexiex paripassu mal-politika ekonomika tal-Gvern li bbażat it-tkabbir ekonomiku fuq żieda qawwija u bla preċedent fil-popolazzjoni, b'importazzjoni ta' aktar ħaddiema;

Peress li fis-26 ta' Ġunju 2013, il-Ministru għall-Enerġija li tiegħu kienet Uffiċjal ta' Kommunikazzjoni l-istess Ministru Dalli, kien wiegħed li "power blackouts will be a thing of the past", u llum 10 snin wara s-sitwazzjoni marret għall-agħar minflok għall-aħjar;

Peress li kienet il-Ministru Miriam Dalli stess li fil-5 ta' Awwissu 2021 kienet qalet li s-sitwazzjoni ta' qtugħ frekwenti ta' dawk kienet "inaċċettabbli", liema qtugħ ta' dawl din id-darba hu aktar mifrux, aktar spiss u għal aktar tul ta' ħin;

Peress illi l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika f'rapport minnu ppubblikat f'Lulju 2024 intitolat 'High Level Review: Enemalta's planning and investment in the local electricity distribution network', kien sab illi l-Enemalta ripetutament naqset milli tippubblika u tibgħat lir-regolatur in-network development plans kif inhi obbligata mid-direttiva Ewropea 2019/944;

Peress illi l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika kkonkluda fl-istess rapport fuq imsemmi illi l-kaġun ewlieni ta' dan il-qtugħ fil-provvista tad-dawl kien nuqqas ta' investiment fil-high voltage distribution network li bejn l-2014 u l-2023 dan naqas għal terz (1/3) ta' dak li kien qabel il-perjodu msemmi;

Peress illi l-Onor. Miriam Dalli hi responsabbli, kif kemm-il darba ġie ddikjarat, għal nefqa ta' mija u erbgħin miljun Ewro (€140,000,000) bejn is-snin 2023 u 2025 biex jissaħħaħ in-network ta' distribuzzjoni u din il-problema ma tirrepetix ruħha.

U peress illi huwa ċar illi l-Onor. Miriam Dalli mhix tifhem it-toqol tar-responsabbiltà politika li għandha ġġorr meta stqarret illi din is-sitwazzjoni ma tirriżultax fi kriżi nazzjonali li qed taffettwa l-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Tiċċensura bis-saħħa n-nuqqasijiet tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli;
2. Tiddikjara l-isfiduċja tagħha fl-istess Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli;
3. Titlob lill-Prim Ministru sabiex minnufih jeżiġi r-riżenja tal-Onor. Miriam Dalli minn Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u fin-nuqqas li dan iseħħ, ikeċċiha minn Ministru.

**22.07.2026**